MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**LAURENCE QUINTANO**

Seduta ta' l-24 ta' Ottubru, 2007

Numru 355/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Maria Teresa Micallef)**

**versus**

**Owen Zammit**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Owen Zammit ta’ 28 sena iben Fedele u Mary Rosaria nee’ Psaila, mwieled Pieta fl-20 ta’ Settembru 1975 u residenti 98 Marfid House, Drama Street, Qormi, detentur ta’ karta ta’ l-identita’ bin-numru 460775(M).

Akkużat talli fid-29 ta’ Frar 2004 għall-ħabta tat-3.00am ġewwa Pieta :

(a) volontarjament ħassar jew għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, liema ħsara tammonta għal iżjed minn ħamsin lira Maltin iżda inqas minn ħames mitt lira Maltin (LM342.20) għad-detriment tal-kumpanija RMF Ltd.
(b) Talli fl-istess data, lok, ħin u cirkostanzi għamel użu ta' infrastruttura jew apparat ta' telekomunikazzjoni provduti minn provditur awtorizzat (Maltacom plc) għal xi għan li ma jkunx dak li għalih ikun ġie provdut, jew naqas milli josserva dawk l-istruzzjonijiet li jinħarġu minn provditur awtorizzat għal-użu sew ta' l-infrastruttura tat-telekomunikazzjoni jew tagħmir jew għamel użu minnu mhux sew, jew illegali u b'hekk dejjaq, inkwieta u ħoloq inkonvenjent lil Roberto Debattista u lill-familjari tiegħu.
(c) Talli fl-istess data, ħin, lok u cirkostanzi, inġurja u hedded lil Roberto Debattista u lill-familjari tiegħu;
(d) Talli fl-istess data, lok, ħin u cirkostanzi f'lok pubbliku jew f'post miftuħ għall-pubbliku kien jinsab fis-sakra b'mod li ma kienx jista jieħu ħsieb tiegħu nnifsu u waqt li kien f'dak l-istat kellu l-ħsieb u l-kontroll ta' vettura

Akkużat ukoll talli fis-27 ta' Frar 2004 ġewwa Pieta għall-ħabta ta' nofsinhar

(e) Qal kliem oxxen u indecenti fil-pubbliku
(f) Inġurja u hedded lil Roberto Debattista u membri tal-familja tiegħu
(g) Għamel użu ta' infrastruttura jew apparat ta' telekomunikazzjoni provduti minn provditur awtorizzat (Maltacom plc) għal xi għan li ma jkunx dak li għalih ikun ġie provdut, jew naqas milli josserva dawk l-istruzzjonijiet li jinħarġu minn provditur awtorizzat għal-użu sew ta' l-infrastruttura tat-telekomunikazzjoni jew tagħmir jew għamel użu minnu mhux sew, jew illegali u b'hekk dejjaq, inkwieta u ħoloq inkonvenjent lil Roberto Debattista u lill-familjari tiegħu.

Rat l-atti kollha tal-proċess inkluż il-fedina penali ta' l-imputat; il-kunsens ta' l-Avukat Ġenerali sabiex dawn il-proċeduri jkunu sommarji (fol 5); il-kunsens ta' l-imputat biex dawn il-proċeduri jkunu sommarji, fol 21; l-istqarrija

ta' l-imputat a fol 27 u 28; l-invoice li jġib l-ammont ta' ħsarat għal LM342.20, fol 29; l-ittra ta' kwerela mibgħuta mill-Avukat Frendo Tufigno a fol 30; il-current incident report, fol 35; id-dokument OZ a fol 56 li huwa r-rapport tal-Probation Officer; l-irtirar tal-kwerela kif jidher a fol 41 tal-proċess u dan minħabba li l-imputat ma tax iktar inkwiet lil Roberto Debattista; l-ammissjoni ta' l-imputat magħmula fil-11 ta' Jannar 2006 għall-imputazzjonijiet dedotti kontra tiegħu, liema ammissjoni huwa reġa kkonferma wara li ngħata ħin biżżejjed (fol 41, 11 ta' Jannar 2006); il-ħatra tal-Probation Officer sabiex isir pre-sentencing inquiry report a fol 46; u l-verbal li fih din il-Qorti ddifferiet il-kawża sabiex tagħti s-sentenza jiġifieri dak tas-6 ta' Ġunju 2007.

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament.

Semgħet it-trattazzjoni ta' l-abbli difensur u l-abbli prosekutur.

Ikkonsidrat.

Illi ġaladarba l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet dedotti kontra tiegħu, dawn ġew ppruvati skond il-liġi.

Il-Qorti l-ewwel nett qed tieħu konjizzjoni illi sa fejn wieħed jista jċedi l-kwerela (fol 30), dan sar, kif jidher mill-verbal tal-11 ta' Jannar 2006. Mid-dokument li ġie ppreżentat ma hemm ebda dubju illi l-ammont ta' ħsara hija LM342.20. Mix-xhieda li laħqet ngħatat jidher illi l-pulizija kellha informazzjoni illi xi ħadd kien daħal fuq il-faċċata ta' l-RMF u għamillha ħsara u li kien hemm xi theddid għal xi persuni. Fl-istqarrija tiegħu pero l-imputat qal li kien ċempel lil Robert Debattista imma ma bediex jheddu. Meta kien mistoqsi jekk saqx il-vettura tiegħu BBE 982 għal fuq il-bieb tal-kumpanija RMF Ltd, l-imputat fl-istqarrija kien wieġeb iva u qal li kien għamel hekk għax hu kellu jieħu xi flus. Fl-istess stqarrija l-imputat kien qal li kien lest li jagħmel tajjeb għall-ħsara pero li ma kienx qed jaħdem u li hu kellu jieħu ċertu ammont ta' flus.

PS36 Anthony Lia xehed li kien mar fuq il-post u kien sab il-bieb imkisser. Meta kien mar Owen Zammit bil-karozza tiegħu BBE 982 huma kienu raw xi ħsarat pero l-imputat kien qalilhom li dawk minn inċident ieħor. U l-unika ħsarat li kellha l-karozza li kellhom x'jaqsmu ma l-inċident li huwa l-mertu ta' din iċ-ċitazzjoni kienu dawk illi jidhru fuq il-bonnett biss (Fol 33).

Minn dak li qal John Testa il-probation Officer jirrizulta illi fil-passat l-imputat kellu xi problemi ta' agressivita li kellhom x'jaqsmu max-xorb alcoholiku. Iżda dan l-aħħar kien qed jieħu kura għal dan u kien qed jagħmel ukoll kuntatt ma psikjatra sabiex jikkontrolla l-anzjeta tiegħu u biex ma jibqax jixrob xorb alcoholiku. Dr. Sandra Darmanin psikologa, kienet għarrfet lill-Probation Officer illi l-imputat kellu social phobia (fol 55) u kienet qed tgħinu kif jitgħallem jiffaċċja lin-nies mingħajr ma jkun hemm problemi magħhom.

Il-Qorti wara li rat l-Artikoli 17H, 18, 325(1)(b), 339(1)(e), 338(ff) u 342 u 338(bb) tal-Kap 9 kif wkoll l-Artikoli 35(1)(d) tal-Kap 399 tal-Liġijiet ta' Malta ssib lill-imputat ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti kontra tiegħu. Il-Qorti hija u taħseb dwar il-piena żammet quddiem għajnejha l-progress li għamel l-imputat skond ir-rapport tal-probation Officer u t-tneħħija tal-kwerela da parti tal-persuni li ħassewhom inġurjati. B'danakollu ai termini ta' l-Artikolu 325(1) proviso, ġaladarba il-ħsara taqbeż ċertu ammont, it-tneħħija tal-kwerela ma tbiddel xejn mill-piena. Il-Qorti rat wkoll l-Artikolu 544 tal-Kap 9 li jirregola meta l-kwerela hija indispensabbli jew le u fil-każijiet ikkontemplati fl-imputażżjonijiet odjerni, l-Artikolu 544 ma japplikax.

Għaldaqstant il-Qorti qed tikkundanna lill-imputat għal ħames (5) xhur priġunerija sospiżi għal sena kif wkoll għall-ħlas ta' multa ta' LM110. Il-Qorti spjegat l-Artikolu 28A tal-kap 9 lill-imputat fi kliem sempliċi u l-importanza illi ma jagħmel ebda reat fiż-żmien operattiv tas-sentenza sospiża.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------